**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Dorianne Tabone)**

**Vs**

**Alejandra Lopez Villa**

**(Passaport Kolombjan bin-numru AZ538561)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Alejandra Lopez Villa** talli gewwa 54, Triq Sir Frederick Ponsonby, Gzira, fis- 16 ta' Novembru, 2022 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi kellha hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat u halliet jew ippermettiet li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta’ laqgha ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputata tammetti ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatha zmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni u wara li spjegatilha l-piena abbinata mal-istess reati;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jitrattaw dwar il-piena fejn kien hemm qbil li l-piena inflitta ma tkunx wahda ta’ prigunerija effettiva.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha. Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-istess ammissjoni u rat id-dokumentazzjoni esebita, hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u wkoll il-fedina penali netta u l-fatt li l-imputata se tigi deportata lejn l-Kolombja.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 8 (1) u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tiddikjara lill-imputata **Alejandra Lopez Villa** hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal sena (1) prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tigi sospiza ghal erba’ (4) snin mil-lum u ghal multa ta’ mitt ewro (€100).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' mija u hamsa u sittin ewro(€165) konfiskati waqt l-arrest tal-hatja u li gew esebiti fl-atti bhala Dokument JB4.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**